**20 ta' Ġunju, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Attard

*versus*

Emmanuel Attard *et*

**Ġlieda - Danni Sofferta - Responsabbilità - Solidarjetà**

*Id-danni sofferti fi glieda ghandu jirrispondi ghalihom min kien il-provokatur taghha.*

*L-artikolu 1092 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi espressament li meta tnejn jew aktar min-nies dolożament ghamlu ħsara l-obbligazzjoni taghhom ghall-ħlas ta' dik il-ħsara hija* in solidum.

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi fl-20 ta' Ġunju, 1976, fl-10.15 a.m., f'Ħaż Żebbuġ, il-konvenuti aggredewh vjolentement, u bħala riżultat ta' dik l-aggressjoni huwa sofra danni, fosthom feriti ta' natura gravi li wasslu ukoll għal debilitazzjoni permanenti; talab li l-konvenuti jiġu ddikjarati responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni kollha konsegwenzjali li sofra; li jiġu llikwidati d-danni sofferti mill-atturi; u li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuh solidalment bejniethom dik is-somma li tiġi hekk illikwidata; bl-interessi u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu li mhumiex responsabbli għad-danni reklamati;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fil-15 ta' Frar, 1982, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talbiet ta' l-attur fis-sens: (1) li ddikjarat liż-żewġ konvenuti solidalment responsabbli għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni u kwindi għad-danni konsegwenzjali; (2) illikwidat id-danni sofferti mill-attur fl-istess inċident fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin lira (Lm550); u (3) ikkundannat lill-konvenuti <u>*in solidum*</u> iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata flimkien ma' l-interessi legali mid-data tas-sentenza - l-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenuti <u>*in solidum*</u> ħlief dawk tat-tliet periti

medići li għandhom jiġu sopportati mill-attur wara li kkunsidrat:

Illi qabel xejn għandu jingħad li l-konvenuti, kif jidher min-nota tagħhom a folio 23 tal-proċess ippreżentata fid-19 ta' Frar, 1980, iddikjaraw li ħassuhom aggravati biss mir-rapport tal-Kirurgu Carmel Apap Bologna, li kien assista lill-ewwel perit ġudizzjarju fl-indaġini tiegħu dwar il-każ u li kien wasal fil-konklużjoni li l-attur sofra inkapaċità permanenti ta' 20% minħabba l-inċident de quo. Minn dan jitnissel li għal dik li hija responsabbilità għall-inċident il-Qorti tista' toqgħod, jekk s'intendi tkun taqbel magħha, mal-konklużjoni ta' l-ewwel perit ġudizzjarju; u l-istess jingħad għal dik li hija likwidazzjoni tad-danni attwali sofferti mill-attur (i.e. l-hekk magħrufa *damnum emergens*). Però għal dik li hija likwidazzjoni ta' kumpens għat-telf ta' qligħ futur (*lucrum cessans*), jekk ikun il-każ, il-Qorti għandha teżamina ukoll ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali;

Illi kif jidher mir-relazzjoni ta' l-ewwel perit ġudizzjarju u l-provi minnu miġbura, l-inċident li ta lok għal din il-kawża kien fil-qosor dan: il-Ħadd. 20 ta' Ġunju, 1976 għal xi l-10.15 a.m., l-attur kien qiegħed fil-*pitch* tal-boċċi ta' Ħaż Żebbuġ jara l-logħob; huwa kien qiegħed iserraħ maċ-ċint li jdawwar il-*pitch* minn naħa ta' barra. Hin minnhom ġew il-konvenut Emmanuel Attrad u l-konvenut l-ieħor li jiġi ibnu, u aggredew lill-attur, ta' l-ewwel beda jxejjirlu b'biċċa zokk ta' siġra u laqtu fost oħrajn fuq rasu u jdejh, u l-ieħor bil-ponn. L-attur telaq jiġri fid-direzzjoni ta' l-Għassa u ta' fejn hemm id-dar tat-Tabib Tua, u l-konvenuti telqu għal warajh, laħquh u reġgħu bdew isawtuh, sakemm l-attur fl-aħħar waqa' ma' l-art, xi nies tawh l-għajjut u daħluh għand it-tabib li bagħtu l-isptar. L-attur dam tlett ijiem l-isptar u wara jdejh baqgħet infaxxata għal ċirka tliet xhur u nofs u baqa' jattendi l-isptar bħala *out patient* għal xi 4/5 xhur;

Illi mill-provi li sema' u l-analiżi li għamel tagħhom, il-perit ġudizzjarju wasal għall-konklużjoni li ż-żewġ konvenuti kienu pparteċipaw fid-delitt ta' l-aggressjoni u kommissjoni ta' feriti gravi fuq il-persuna ta' l-attur u li għad-danni kienu responsabbli it-tnejn b'mod solidali bejniethom;

Issa, kif sewwa osserva l-perit legali addizzjonali, il-konvenuti ma jidhirx li qed jikkontestaw din il-konklużjoni peritali. jiġifieri dwar ir-responsabbilità tad-danni u s-solidarjetà bejniethom biex jagħmlu tajjeb għall-istess. Intant, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi miġbura u l-prinċipji legali regolanti l-materja, il-Qorti taqbel għal kollox ma' l-istess konklużjoni peritali. Infatti, ġie ritenut li d-danni sofferti fi ġlieda għandu jirrispondi għalihom min kien il-provokatur tagħha (Vol. XXXVI.II.467). Irriżulta b'mod ċar u konklussiv li kienu ż-żewġ konvenuti li aggredew lill-attur meta dan kien qiegħed għall-affari tiegħu; u mhux biss fl-ebda waqt ma rritalja għall-aggressjoni, talli, meta pprova jaħrab, il-konvenuti ġrew warajh u komplew isawwtuh. Ma rriżultax li f'xi ħin jew f'xi żmien qabel il-ġlieda, l-attur kien ipprovoka lill-konvenuti. L-inċident li kien inqala' bejn l-attur u l-konvenut Emmanuel Attrad xi 10 xhur qabel, apparti l-fatt li ma jirriżultax li dak in-nhar l-attur kien wera xi tendenzi aggressivi, talli dak l-inċident kien ġie rranġat, u minn dak in-nhar sal-ġurnata ta' l-inċident odjern ma jirriżultax li l-attur ipprovoka lill-konvenuti. Imbagħad għal dik li hija solidarjetà bejn il-konvenuti għall-ħlas tad-danni minnhom kaġunati, l-artikolu 1092 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi espressament li, meta tnejn jew aktar min-nies dolożament għamlu ħsara (kif ġara fil-każ in eżami), l-obbligazzjoni tagħhom għall-ħlas ta' dik il-ħsara hija <u>*in solidum*</u>;

Ikkunsidrat dwar il-likwidazzjoni tad-danni;

Illi l-ewwel perit ġudizzjarju ffissa d-danni attwali (*damnum emergens*) sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm388, magħmula din is-somma minn Lm9.73,9 għal telf ta' paga ta' meta ma kienx qed imur għax-xogħol, u l-kumplament (arrotondat biex iġibu s-somma globali ta' Lm388) għal telf ta' xogħol *overtime*, ikkalkoluat, almenu in parti fuq rata medja ta' dak li qalgħu sħabu. L-istess perit iffissa l-kumpens għal telf ta' qligħ futur fl-ammont ta' Lm2496 ikkalkulati fuq *multiplier* ta' 10 snin (l-attur kellu 49 sena dak iż-żmien ta' l-inċident), paga bażika ta' Lm30 fil-ġimgħa u inkapaċità permanenti ta' 20% stabbilità mill-ewwel perit mediku, li kien qed jassistih;

Il-perit legali addizzjonali assistit mill-periti mediċi addizzjonali, qabel għal kollox mal-likwidazzjoni tad-danni attwali (*damnum emergens*). Iżda ġara li l-periti mediċi filwaqt li kkonfermaw li l-attur verament qed isofri minn diżabilità minħabba tibdil fil-ġog ta' minkbu tal-lemin, kienu kategoriċi li dan it-tibdil huwa konsegwenza tal-korriment li l-attur sofra fi żmien il-Gwerra (u ċjoè mhux kawża ta' l-inċident odjern); u meta ġew eskussi qalu li l-inċident odjern ma ppreċipitax l-ostroartrite li għandu f'minkbu l-attur u li din żviluppat biż-*żmien kawża ta' l-inċident ta' żmien il-Gwerra.* Qalu ukoll li l-inċident odjern ikkaġuna biss inkonvenjent lill-attur għal perijodu temporanju qasir, li seta' kien anke ta' sitt ġimgħat;

Fuq il-bażi tar-relazzjoni addizzjonali, it-tieni perit legali, filwaqt li qal li l-attur ma jistax ikun intitolat għall-kumpens *kollu likwidat mill-ewwel perit*, wasal għall-konklużjoni li d-daqqiet li qala kienu biżżejjed biex (ukoll psikoloġikament) effettwawh tali li l-*pattern* ta' ħajtu ftit jew wisq kellha tinbidel. Huwa kompla qal, li fil-kamp tad-danni wieħed irid iħares lejn l-effetti u, jekk ikun hemm *nexus* biżżejjed bejn dawn l-effetti u l-kawża li tiġi allegata u ppruvata, ukoll *in parte*, allura jkun hemm lok ta' danni basta l-*quantum* relattiv għall-bidla fil-*pattern* tal-ħajja tal-persuna li tkun ġiet aggredita. Kif jidher

mill-paragrafi 17 sa 19 tar-relazzjoni tiegħu, dan il-perit ibbaża ruħu mhux ftit fuq id-deċiżjonijiet ta' qrati esteri. Kien ukoll taħt l-impressjoni li l-inċident odjern seta' għaġġel u ppreċipita l-kondizzjoni preżenti ta' l-attur - fattur dan li meta ġew sussegwentement eskussi, il-periti mediċi eskludew kategorikament;

Issa, bir-rispett kollu lejn il-periti ġudizzjarji, il-Qorti ma taqbilx għal kollox mal-likwidazzjoni tad-danni. Għal dawk li huma danni attwali (*damnum emergens*) il-Qorti taqbel li l-kumpens għat-telf ta' qligħ mill-*overtime* kellu bħala kawża mmedjata tiegħu l-feriti li ġarrab l-attur fl-inċident in kwistjoni. Però meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha, u b'mod partikolari l-fatt li l-attur esawrixxa s-*sick leave* tiegħu minħabba l-inċident, il-Qorti taħseb li t-telf attwali ta' paga u telf ta' qligħ minn *overtime* għandu jkun l-ammont ta' Lm450, flok dak iffissat mill-periti legali. Ma' dan l-ammont għandu jiżdied it-telf ta' qligħ minn xogħol barrani li l-attur kien solitu jagħmel ma' Anthony Fava, liema ammont il-Qorti tillikwida *arbitrio boni viri* fis-somma ta' mitt lira (Lm100). B'hekk il-kumpens għat-telf ta' paga u qligħ ieħor b'kollox iġib għal Lm550;

Għal dak li huma telf ta' qligħ futur, il-Qorti kienet tkun inklinata li, bħall-perit legali addizzjonali, turi l-istess simpatija lejn l-attur, li kieku ma kienx għal mod ċar tal-liġi tagħna fuq il-kwistjoni, fl-artikolu 1088 tal-Kodiċi Ċivili li jirreferi għal dan il-kumpens bħala "*loss of future earnings arising from any permanent incapacity, total or partial, which the act may have caused*". Il-periti mediċi addizzjonali kienu kategoriċi fuq din il-kwistjoni meta qalu li l-inkapaċità li għandu l-attur hija dovuta għall-inċident li ġralu fi żmien il-Gwerra u mhux għall-inċident li ta lok għal din il-kawża. Il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandhiex taċċetta din il-konklużjoni tal-periti mediċi addizzjonali, u kwindi ġaladarba l-inkapaċità ta' l-attur mhix attribwibbli għall-inċident tal-lum, l-ebda kumpens ma

jista' jiġi lilu mogħti fuq bażi ta' telf ta' qligħ futur fil-kuntest tal-liġi kif inhi;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur ippreżentata fit-23 ta' Frar, 1982;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti ppreżentata ukoll fit-23 ta' Frar, 1982;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti ppreżentata fid-9 ta' Marzu, 1982 *li biha, għar-raġunijiet hemm sottomessi,* talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fil-15 ta' Frar, 1982, bl-ispejjeż *taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;*

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fis-26 ta' Marzu, 1982, *li biha ssottometta illi s-sentenza appellata hija* ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata in kwantu ddikjarat liż-żewġ konvenuti appellanti solidalment responsabbli għall-inċident imsemmi *fiċ-ċitazzjoni u kwindi* għad-danni konsegwenzjali u li biha ipprevalixxa ruħu mill-appell tal-konvenuti biex jappella inċidentalment mill-imsemmija sentenza u talab, għar-raġunijiet hemm imsemmija, li din il-Qorti tirriforma s-sentenza preċitata tal-15 ta' Frar, 1982, billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat iż-żewġ appellati solidalment responsabbli għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni u kwindi għad-anni konsegwenzjali u in kwantu llikwidat id-*damnum emergens* fis-somma ta' ħames mija u ħamsin lira Maltija (Lm550) u in kwantu kkundannat l-appellati jħallsu d-danni riżultanti solidalment bejniethom u tirrevokaha in kwantu llikwidat biss din is-somma in linea ta' danni billi tillikwida dak l-ammont li hu dovut lill-appellanti f'*lucrum cessans* u dana bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati *in solidum*;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Jibqa' għalhekk li jiġi eżaminat minn din il-Qorti l-appell magħmul mill-konvenuti appellanti. Dawn appellaw sia a rigward il-kwistjoni ta' responsabbilità għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni u għad-danni konsegwenzjali kif ukoll a rigward tal-*quantum* tad-danni akkordati mill-Ewwel Qorti;

Il-konvenuti appellanti qegħdin jissottomettu fl-ewwel lok illi l-fatt li huma, meta talbu n-nomina ta' periti addizzjonali, kienu qalu li jħossuhom aggravati bir-rapport tal-Kirurgu Carmel Apap Bologna (fol. 23) u ma qalux li kienu ukoll aggravati bir-relazzjoni tal-perit legali ma jfissirx li b'daqshekk huma kienu qegħdin jaċċettaw il-konklużjonijiet ta' l-istess perit legali dwar ir-responsabbilità għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni u d-danni konsegwenzjali;

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-konvenuti appellanti u għalhekk f'dan ir-rigward ma taqbilx ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti. Il-fatt li n-nota tal-konvenuti appellanti għan-nomina ta' periti addizzjonali ġiet limitata għar-relazzjoni tal-perit mediku ma jistax jiġi neċessarjament interpretat li huma kienu qegħdin jaċċettaw il-konklużjonijiet tal-perit legali billi l-konvenuti appellanti setgħu ħadu d-deċiżjoni li f'materja purament teknika bħal ma hija ħaġa medika, kien konsiljabbli għad-difiża tagħhom li jkun hemm l-opinjoni ulterjuri ta' persuni tekniċi oħra mentri f'materja ta' indoli legali kien ikun biżżejjed li jagħmlu, permezz tal-konsulent legali tagħhom, is-sottomissjonijiet tagħhom. Fl-ebda parti tal-proċess ma jingħad li l-konvenuti appellanti kienu qegħdin jaċċettaw il-

konklużjonijiet tal-perit legali u mhux leċitu li wieħed jiddeżumi din l-aċċettazzjoni minn l-imsemmjia nota tal-konvenuti appellanti meta l-istess aċċettazzjoni kienet tkun tammonta għall-aċċettazzjoni ta' ħtija għall-inċident u kwindi għall-ammissjoni ta' l-ewwel domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni. L-ammissjonijiet, biex ikunu aċċettabbli, għandhom ikunu ċari u univoċi u dan ċertament ma jistax jingħad li jirriżulta fil-każ preżenti minħabba t-termini ta' l-imsemmija nota;

Il-konvenuti appellanti qegħdin jissottomettu ukoll fil-petizzjoni tagħhom li l-inċident kien ipprovokat mill-attur appellat stess billi meta l-konvenut appellant Emmanuele Attard talbu sodisfazzjon għal dak li hu jgħid li l-attur appellat kien għamel lill-martu aktar kmien dak in-nhar, l-attur appellat aggredixxa *lill-istess Emmanuel Attard;*

Il-Qorti però ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-konvenuti appellanti. Wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, il-Qorti hi tal-fehma li l-konklużjonijiet peritali relattivi għar-responsabbilità taż-żewġ konvenuti għall-inċident huma tajba u *bbażati fuq ir-riżultanzi proċesswali. Il-provi juru bla dubbju illi* kienu ż-żewġ konvenuti appellanti li aggredew lill-attur appellat filwaqt li dana kien qiegħed jara logħba tal-boċċi u għalhekk il-Qorti, f'dan ir-rigward, tirritjeni li l-appell huwa infondat;

Il-konvenuti appellanti qegħdin jappellaw mill-*quantum tad-danni akkordati mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti, wara li eżaminat* il-provi f'dan ir-rigward, hi tal-fehma li l-ilment tal-konvenuti appellanti dwar l-ammont tad-danni huwa ġustifikat għar-raġunijiet segwenti:

Mir-relazzjoni tal-periti mediċi addizzjonali kif ukoll mill-eskussjoni *tagħhom jirriżulta li d-diżabilità li minnha qed* jilmenta l-attur appellat hija konsegwenza ta' korriment li sofra

fil-gwerra. Skond dawn il-periti mediċi addizzjonali - u l-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex toqgħod fuqhom - l-inċident *de quo* ma ppreċipitax l-osteoartrite li żviluppat biż-żmien kawża ta' l-inċident soffert fil-gwerra. L-inċident *de quo*, skond l-istess periti, ikkaġuna biss inkonvenjent lill-attur appellat għal perijodu temporanju qasir u dana, skond huma, jista' jkun anke ta' sitt ġimgħat;

Bħala konsegwenza ta' dawn il-konklużjonijiet tal-periti mediċi addizzjonali, il-Qorti tirritjeni - u ma tistax ma tirritjenix - illi l-attur appellat huwa intitolat għal dak biss li tilef matul il-perijodu temporanju li semmew l-istess periti - ċjoè l-perijodu ta' sitt ġimgħat li, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Joseph Caruana, impjegat mal-Gvern, kien bejn wieħed u ieħor il-perijodu li għalih l-attur appellat kien assenta ruħu mix-xogħol wara l-inċident billi, skond dan ix-xhud, l-attur appellat ma kienx mar għax-xogħol għall-perijodu mill-21 ta' Ġunju, 1976, data ta' l-inċident sat-30 ta' Lulju, 1976;

Il-Qorti, bir-rispett kollu lejn il-perit legali addizzjonali, ma tħossx li l-provi jiġġustifikawha. L-attur appellat kien jaħdem *overtime*. L-attur appellat ma jistax jgħid li wara l-inċident tefgħuh fuq *light duty* bħala *instructor* u għalhekk tilef l-*overtime* anke wara l-perijodu ta' sitt ġimgħat fuq imsemmi billi dan, skond il-periti mediċi addizzjonali ma kienx dovut għall-inċident *de quo* li kkawġunalu l-inkonvenjent temporanju qasir;

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-attur appellat mhux intitolat għall-*overtime* billi ma ppruvax li tilef l-*overtime* fil-perijodu ta' sitt ġimgħat fuq imsemmi. Il-Qorti tixtieq iżżid f'dan ir-rigward li meta l-ewwel perit legali wasal għall-konklużjoni li kien hemm telf ta' *overtime* fis-somma ta' tliet mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm388), huwa kien qiegħed jibbaża ruħu

fuq il-konklużjoni ta' l-ewwel perit mediku li l-inċident *de quo* kien ikkaġuna diżabilità permanenti ta' 20%, liema debilità permanenti kienet iġġustifikat lill-istess l-ewwel perit legali li jieħu in konsiderazzjoni it-telf ta' *overtime* riżultanti mill-imsemmi dokument C. Iżda meta wara l-periti mediċi addizzjonali waslu għall-konklużjoni kuntrarja għal dik ta' l-ewwel perit mediku billi qalu li kien hemm biss inkonvenjent temporanju qasir, il-posizzjoni tbiddlet kompletament;

L-attur appellat xehed ukoll li kien jaħdem fit-trinek *part time* ma' ċertu Fava - bejn għaxar u tnax-il ġurnata fis-sena u li kien idaħħal bejn tmien liri Maltin (Lm8) u għaxar liri Maltin (Lm10) - presumibbilment kuljum billi fix-xhieda tiegħu dan ma jingħadx espressament. L-attur appellat qal ukoll li fl-epoka ta' l-inċident Fava kien mar għalih tliet darbiet. Il-Qorti għalhekk tifhem li dan kien fil-perijodu ta' sitt ġimgħat fuq imsemmi u għalhekk *arbitrio bono viri* tiffissa s-somma ta' seba' u għoxrin lira Maltija (Lm27) għat-telf ta' qligħ ta' xogħol *extra* matul dan l-istess perijodu ta' sitt ġimgħat;

Kwindi din il-Qorti, a differenza mill-Ewwel Qorti, tillikwida d-danni totali fis-somma ta' sitta u tletin lira Maltija, tlieta u sebgħin ċenteżmi, disa' millezmi (Lm36.73,9) minflok fis-somma ta' ħames mija u ħamsin lira Maltija (Lm550) likwidata mill-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi: (1) tiddikjara null l-appell inċidentali ta' l-attur appellat bl-ispejjeż kontra tiegħu; (2) tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tiċħad l-appell tal-konvenuti għar-revoka tas-sentenza appellata in kwantu din is-sentenza iddikjarat liż-żewġ konvenuti appellanti solidalment responsabbli għall-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni u kwindi għad-danni konsegwenzjali, tirriforma l-istess sentenza għar-rigward tad-danni likwidati billi tillikwida dawn

id-danni fis-somma ta' sitta u tletin lira Maltija, tlieta u sebgħin ċenteżmi u disa' milleżmi (Lm36.73,9) minflok is-somma ta' ħames *mija u ħamsin lira Maltija (Lm550) likwidata mill-*Ewwel Qorti u billi għalhekk tikkundanna lill-konvenuti appellanti ***in solidum*** bejniethom iħallsu lill-attur appellat is-somma ta' sitta u *tletin lira Maltija, tlieta u sebgħin ċenteżmi* u disa' milleżmi (Lm36.73,9) bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza, minflok is-somma ta' ħames mija u ħamsin lira Maltija (Lm550) li għaliha kienet ikkundannathom l-Ewwel Qorti. L-ispejjeż (ħlief dawk ġà deċiżi hawn fuq) ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti mentri l-ispejjeż ta' din it-tieni istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.